## *Ġrajja ta' Ħamsin Sena Ilu*

# Il-Waqgħa ta' l-Ajruplan 'Avro York' fuq iż-Żurrieq

Kitba ta' Alfred Camilleri BA, PGCE

Ħamsin sena ilu, propju nhar is-Sibt 18 ta' Frar 1956, seħħet disgrazzja kbira ta' l-ajru meta waqa' ajruplan tat-tip Avro York b'ħamsin ruħ fuqu li kollha mietu fuq il-post, in-naħa ta' Wied iż-Żurrieq.

L-ajruplan kien għadu kemm telaq mill-mitjar ta' Ħal Luqa b'nies tas-servizzi Ingliżi li kienu fi triqithom mill-Kajr fl-Eġittu miż-żona tal-Kanal tas-Swejz għal Stanstead, l-Ingilterra. F'dak iż-żmien l-Ingilterra kellha bosta truppi l-Eġittu biex iħarsu lill-Kanal tas-Swejz li tant kien importanti għall-kummerċ bil-baħar għall-Ingliterra u l-Ewropa.

Il-York tal-kumpanija *Scottish Airlines* telaq mir-*runway* 24 min-naħa tar-raħal ta' Ħal Luqa kmieni wara nofsinhar, wara li ħa l-*fuel*. Hekk kif beda jagħmel il-ġirja tiegħu fuq ir-*runway* ħalli jinqata', il-magna tan-naħa ta' ġewwa fuq ix-xellug ta' l-ajruplan beda ħiereġ minnha bħal duħħan iswed.

Għalkemm l-ajruplan inqata' mill-art u tela' għal madwar 200 pied fuq Ta' Kandja, l-Imqabba, dlonk beda nieżel. Il-Kaptan Frank Coker irnexxielu jgħollih għal elf pied, iżda l-Avro York beda jdur lejn il-lemin, u fi ftit sekondi beda nieżel bil-mod dritt lejn l-art. Hekk kif ikkraxxja fuq l-irdum ta' Wied iż-Żurrieq, inħakem minn nirien kbar. L-ajruplan kellu fuqu ma' l-elfejn gallun ta' *high octane fuel*. L-ajruplan waqa' ġo għalqa bejn il-Ġibjun tan-Nigret u Wied iż-Żurrieq.

Immedjatament waslu fuq il-post il-pumpieri tat-tifi tan-nar kemm tar-Royal Air Force kif ukoll dawk tal-Pulizija Maltija ħalli jikkontrollaw in-nirien li ħakmu lill-ajruplan. *Helicopter* tar-Royal Navy ittajjar mill-mitjar ta' Ħal Far li dak iż-żmien kien jismu **HMS FALCON**, b'tabib u b'apparat għat-tifi tan-nar fosthom tank tal-kanvas b'500 gallun ilma u apparat tal-*foam*.

Fuq il-post wasal numru ta' ħaddiema tas-Servizzi Ingliżi u anke nies mill-US Navy li dak iż-żmien kienu bbażati f'Ħal Far u ilkoll flimkien bdew ħidma ta' salvataġġ ħalli jaqilgħu lill-passiġġieri minn qalb it-tifrik. L-ajruplan kellu fuqu 45 passiġġier, b'44 minnhom ħaddiema ta' l-RAF u wieħed mill-Army, u ekwipaġġ ta' ħamsa. Ilkoll mietu, ħafna minnhom maħruqa tant li ma ntgħarfux.

Il-katavari ġew imqiegħda f'lożor bojod f'għalqa fil-qrib. Ix-xogħol ta' salvataġġ kien diffiċli, l-aktar minħabba l-mod kif inhu magħmul il-post li ma tantx tista' tilħqu kif ġieb u laħaq. Il-ħidma tas-salvataġġ kompliet anke l-għada l-Ħadd u l-aħħar katavru nqala' mit-tifrik għall-ħabta ta' nofsinhar tad-19 ta' Frar 1956.

Fuq il-post tad-disgrazzja marru l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż fosthom il-Gvernatur Sir T. Robert Laycock, id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili G. Smith, il-Prim Ministru ta' Malta Dom Mintoff u ministri tal-kabinett. Ir-Reġina Eliżabetta II wkoll bagħtet il-kondoljanzi tagħha lill-gvern Malti permezz tal-Ministru għall-Ajru Nigel Birch.

Il-Maġistrat J. Formosa kien








inkarigat biex jagħmel inkjesta fuq il-waqgħa ta' l-Avro York, mgħejjun mid-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili, G. Smith. Dak in-nhar tal-waqgħa ta' l-Avro York, bil-lejl waslu Malta uffiċjali għolja Ingliżi biex jieħdu ħsieb l-investigazzjonijiet ħalli jiddeterminaw il-kawża tat-traġedja. L-investigaturi kienu T. R. Nelson – l-ispettur anzjan tal-Fergħa għall-Investigazzjonijiet ta' l-inċidenti fi ħdan l-MTCA u J. Goulding – uffiċjal għoli fl-istess fergħa ta' l-investigazzjonijiet. It-tnejn li huma kienu mdaħħla wkoll fl-istħarriġ dwar il-waqgħa ta' żewġ ajruplani tat-tip *De Havilland Comet* li seħħew waħda 'l hemm minn Elba u l-oħra fil-kosta fil-Lbiċ ta' l-Italja. Il-gazzetti Ingliżi qiesu l-waqgħa tal-York f'Malta bħala l-agħar inċident fl-istorja ta' l-avjazzjoni Ingliża mindu l-Avro Tudor kien waqa' f'South Wales fl-1950 bi 80 passiġġier li kollha tilfu ħajjithom.

Il-vittmi tal-kraxx sarilhom funeral kbir fiċ-ċimiterju tas-servizzi Ingliżi fl-Imtarfa. Il-passiġġieri, li kienu kollha rġiel, il-biċċa l-kbira minnhom żgħażagħ, indifnu f'dan iċ-ċimiterju. Il-Kaptan Coker ukoll indifen l-Imtarfa u dan fuq ix-xewqa ta' martu Myrette Macdonald. Il-bqija ta' l-ekwipaġġ ittieħed l-Ingilterra għad-dfin. Fost l-ekwipaġġ kien hemm l-*airhostess* G. Upham, il-*First Officer* R. Borbin ta' 30 sena, ir-*Radio Officer* J. Hay ta' 37 sena u n-*Navigating Officer* R. Beechey ta' 38 sena minn Birmingham.

L-Avro York li kkraxxja fuq l-inħawi tan-Nigret kien irreġistrat bħala G-ANSY. L-isem eżatt tiegħu kien **Avro 685 York C Mk 1**. L-ajruplan għall-ewwel kien imtajjar mir-Royal Air Force bħala MW193 u wara XG929. Fl-1955 l-ajruplan ġie rranġat ħalli jkun jista' jgħabbi l-passiġġieri u wara li nxtara mill-kumpanija *Scottish Airlines*, beda jintuża fuq ir-rotot tagħha sakemm waqa' f'Malta.

Tajjeb ngħidu li l-ewwel ajruplan tat-tip York kien tar f'Lulju 1945. Ir-Royal Air Force kellha *10 squadrons* li kienu jtajru dan it-tip ta' ajruplan. Il-kumpanija ta' l-ajru *British Overseas Airlines Corporation*, fil-qosor magħrufa bħala *BOAC*, ħadet l-ewwel ħamsa tagħha fl-1944 b'25 oħra miksuba s-sena ta' wara. B'kollox inbnew 257 ajruplan tat-tip York bl-aħħar wieħed jitlesta f'April 1948. L-Avro York kellu erba' magni u kien kapaċi jtir għal distanza ta' 2,700 mil. L-ajruplan kellu tlett idnub.

Nappella lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq biex din il-ġrajja ta' swied il-qalb ifakkarha mqar b'xi lapida lejn l-inħawi tal-Ġibjun. Din mhix biss il-ġrajja sfortunata ta' ajruplan u ta' ħamsin ruħ li tilfu ħajjithom imma hija wkoll biċċa mill-istorja ta' dan ir-raħal li tul is-sekli feraħ u beka ma' niesu u mal-bqija tal-ġens Malti.

(Tagħrif miġbur minn THE TIMES OF MALTA 19/20-2-1956)


**JOE ZAMMIT**



Gypsum Flat Ceilings, Soffit Tiles, Covings etc...

Mob: **9985 3893**